

Brussell, 22 ta' April 2020
(OR. en)

7467/20

COAFR 113
COPS 120
CFSP/PESC 321
DEVGEN 47
ACP 25
COHAFA 17
COTER 17

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Mozambique - Konklużjonijiet tal-Kunsill (22 ta' April 2020)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Mozambique, adottati bi proċedura bil-miktub fit-22 ta' April 2020.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Mozambique

1. L-iffirmar f'Awwissu 2019 tal-Ftehim ta' Paċi u Rikonċiljazzjoni Nazzjonali mill-Gvern tal-Mozambique u RENAMO joffri opportunità mġedda biex jinbnew paċi, rikonċiljazzjoni u stabbiltà dejjiema. L-UE tibqa' impenjata bis-sħiħ li tappoġġah. It-trasparenza u l-inklużività fil-proċess ta' paċi huma kruċjali, b'attenzjoni sinifikanti għall-parteċipazzjoni tan-nisa u ż-żgħażaġh u l-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi.
2. Progress tanġibbli fid-diżarm, demobilizzazzjoni u reintegrazzjoni (DDR) huwa wkoll strumentali għal rikonċiljazzjoni dejjiema. Miżuri immedjati u sostnuti huma meħtieġa, u l-UE tappella liż-żewġ partijiet biex jimplimentaw l-impenji tagħhom f'dan il-qasam ewlieni. Passi effettivi fid-deċentralizzazzjoni wkoll ser ikunu kritiċi.
3. Is-sitwazzjoni ta' sigurtà u umanitarja li qiegħda kontinwament tiddeterjora fil-provinċja ta' Cabo Delgado teħtieġ attenzjoni urġenti, filwaqt li jiġi żgurat ir-rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem. L-attakki reċenti f'Mocimboa da Praia u Quissanga huma kawża ta' tħassib. Is-sitwazzjoni teħtieġ li l-awtoritajiet jieħdu azzjoni effettiva sabiex jipproteġu liċ-ċittadini, iwettqu investigazzjonijiet biex iressqu lill-awturi tar-reati quddiem il-ġustizzja, u jidentifikaw ir-rwol tal-organizzazzjonijiet terroristiċi u r-rabtiet internazzjonali potenzjali tagħhom fejn xieraq.
4. L-UE hija lesta li tidħol fi djalogu biex tiddetermina għażliet effettivi għall-assistenza, b'kont meħud tal-karattru kumpless u reġjonali tas-sitwazzjoni, u biex tappoġġa l-kooperazzjoni transfruntiera rilevanti bejn il-Mozambique u l-ġirien tiegħu. Huwa meħtieġ approċċ integrat u kkoordinat, inkluż bil-promozzjoni tad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, governanza lokali effettiva, ir-restawr tal-istat tad-dritt u l-indirizzar tal-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi li jrawmu l-instabbiltà u l-estremiżmu vjolenti.

5. Fi djalogu mal-awtoritajiet, l-UE tinsab lesta li tappoġġa l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali tagħha sabiex tikkonsolida d-demokrazija u ssaħħa il-fiduċja tal-Mozambiquejani kollha fl-istituzzjonijiet, qabel l-elezzjonijiet municipli u ġenerali li jmiss.
6. L-UE hija impenjata li taħdem mal-Mozambique biex tippromwovi trasformazzjoni ekonomika sostenibbli u diversifikazzjoni, b'attenzjoni speċifika għall-impjiegi produttivi u x-xogħol deċenti, b'enfasi fuq in-nisa u ż-żgħażaġh u l-ħtieġa għal tkabbir inklużiv, b'attenzjoni għall-ħtiġijiet speċifiċi taż-żoni rurali, u l-integrazzjoni tal-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tal-effetti tat-tibdil fil-klima. L-UE hija lesta li tappoġġa lill-Mozambique fir-riformi meħtieġa ta' governanza ekonomika u politika, bl-għan li tinkiseb stabbiltà makroekonomika akbar, klima kummerċjali mtejbja għall-operaturi ekonomiċi kollha, sostenibbiltà fiskali u trasparenza, aċċess għal servizzi bażiċi ta' kwalità u distribuzzjoni ekwa tad-dħul, mhux l-inqas mill-gass, fejn il-Mozambique għandu l-potenzjal li jsir wieħed mill-produtturi ewlenin fid-dinja. Azzjoni sostnuta kontra l-korruzzjoni ser tkun kontribut kritiku għat-titjib tal-fiduċja tal-investituri.
7. L-UE tinsab ukoll lesta li tappoġġa lill-Mozambique biex japprofondixxi l-integrazzjoni reġjonali tiegħu u jiddiversifika l-esportazzjonijiet tiegħu, billi jibni fuq l-implimentazzjoni effettiva kontinwa tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika, kif ukoll fid-dawl tal-iżvilupp taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Kontinentali Afrikana.
8. Sena wara ċ-ċikluni Idai u Kenneth, il-Mozambique għadu qed jiffaċċa sfidi umanitarji u relatati mal-klima. Is-sitwazzjoni umanitarja hija partikolarment imwieġhra f'Cabo Delgado fejn l-estremiżmu vjolenti ġieġhel eluf jitolqu minn djarhom. B'mod parallel mal-isforzi ta' rikostruzzjoni li għaddejjin, l-UE tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha li tappoġġa l-bini tar-reżiljenza u li tibqa' ttipprova appoġġ umanitarju, inkluż għat-tħejjija u r-reazzjoni għall-kriżijiet.

9. Fid-dawl tat-tifqigħa tal-COVID-19, l-UE tirrikonoxxi li ser ikun essenzjali li jiġu adattati l-pjanijiet, l-attivitajiet u l-iskedi ta' żmien fl-oqsma kollha tax-xogħol. L-UE ttenni s-solidarjeta' tagħha u tinsab lesta li tappoġġa lill-Gvern tal-Mozambique, fl-isforzi tiegħu biex itaffi l-effetti detrimentalipotenzjali tal-pandemija fuq is-settur tas-saħħa, kif ukoll l-impatt umanitarju, soċjali u ekonomiku usa' tagħha, li jaffettwa lill-poplu tal-Mozambique u b'mod partikolari l-ifqar u l-aktar vulnerabbli.
-